**13 ta' Novembru, 1964.**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Il-Qorti

*versus*

Emmanuele Bruno

**MAINTENANCE ORDER — ORDNI DWAR KUSTODJA TAT-TFAL**

*Qorti li hi nvestita b'ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' "maintenance order" (kif inhi nvestita l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, bl-Ordinanza Kap. 76) għal dak li jirrigwarda n-natura essenzzjali tiegħu ċioe l-ordni għall-ħlas tar-retta ta l-alimenti, hi wkoll nvestita bill-ġurisdizzjoni li tiegħu konjizzjoni tal-provvediment inserit fih, inservienti u pre-ordinat għal dak l-ordni.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni maħruġa mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina fit-tmienja (8) ta' Frar, 1963, li bih Emmanuele Bruno ġie mħarrek biex — wara li tkun ġiet magħmula kull dikjarazzjoni meħtieġa u jkun ġie mogħti kull provvediment li jkun hemm bżonn jgħid għaliex il-Qorti m'għandiex tikkonferma l-ordni mogħti mill-Court of Summary Jurisdiction fin-North London Metropolitan Magistrates Court, fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru 1962, fuq talba ta' Margaret Bruno, mart l-imsemmi Emmanuele Bruno skond il-Matrimonial Proceedings (Magistrates Court)

Act, 1920, b'liema ordni dik il-Qorti provvizorjament (1) ordnat illi l-kura ta' Antoinette li twieldet fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru, 1959, Carmen Joan li twieldet fl-għaxra (10) ta' Mejju, 1961, u Martin William li twieled fis-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru, 1962, li huma taħt is-sittax il-sena u li twieldu miż-żwieġ ta' l-istess Emmanuel Bruno u Margaret Bruno, tiġi fdata lill-omm u (2) ikkundannat lill-imsemmi Emmanuel Bruno jħallas lill Margaret Bruno permezz taċ-Chief Clerk North London Metropolitan Magistrates Court is-somma ta' ħames liri (£5) fil-ġimgħa għaliha u lira fil-ġimgħa oħra għall kull wieħed u waħda mill-imsemmija tfal sakemm l-istess tfal jagħlqu s-sittax il-sena. Il-pagamenti ta' liema somma settimanali għandhom isiru lir-Reġistratur ta' dawn il-Qrati.

Rat id-dokumenti annessi maċ-ċitazzjoni konsistenti fl-inkartament mibgħut lill-Qorti mill-uffiċċju tal-Prim' Ministru, Malta, rigwardanti l-proċeduri għall-ordni msemmi fiċ-ċitazzjoni.

Rat id-diversi riferti tal-Marixxal li minnhom jirriżulta liċ-ċitazzjoni stante s-safar tal-konvenut, li kien ingaġġat fuq il-marina merkantili ma setgħatx tiġi notifikata qabel it-tlettin (30) ta' Awissu 1963.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma sal-ħdax (11) ta' Diċembru, 1963 li minnhom jirriżulta li għalkemm instemgħu xi xhieda li setgħu jagħtu xi nformazzjonijiet fuq il-konvenut il-kawża ma setgħatx timxi iżjed il-quddiem għax il-konvenut kien għadu ma rritornax Malta.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet presentata mill-konvenut fejn oppona t-talba għaliex (1) hu, li hu kattoliku,

ma ċċelebrax iż-żwieġ tiegħu "coram parocho et duobus testibus" kif trid il-liġi maltija u għalhekk iż-żwieġ tiegħu huwa null; (2) barra minn hekk martu Margaret Bruno hija ħatja ta' adulterju, ta' eċċessi, sevizzi u ngurji gravi kontra tiegħu; u (3) illi tnejn mill-ulied imsemmija fl-ordni mhumiex tiegħu billi t-tifla Antoinette twieldet qabel iż-żwieġ u mhiex tiegħu, u t-tifel Martin William ġie konċepit meta huwa kien imsiefer.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-għaxra (10) ta' Ġunju, 1964, li biha taħt iċ-ċirkostanzi attwalment eżistenti, u wara li rat id-disposizzjonijiet tal-Maintenance Orders (Facilities for Enforcement) Ordinance (Kap. 76 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta), il-Qorti (1) ikkonfermat id-digriet mogħti mill-Qorti imsemmija fiċ-ċitazzjoni fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru, 1962, in kwantu jirrigwarda t-tlett itfal minuri msemmija fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut u (2) ipprefiġġiet lill-konvenut żmien sat-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju, 1964, biex jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu dwar l-inesistenza taż-żwieġ tiegħu ma Margaret Bruno b'azzjoni diretta in via prinċipali quddiem il-Qorti kompetenti ta' Malta, u (3) ħalliet il-kawża għas-seduta tat-tlettin (30) ta' Ġunju, 1964 biex f'każ li l-konvenut jikkonforma ruħu mal-premess il-Qorti tkun tista tagħti provvediment għas-soprassessjoni ta' din il-kawża sakemm tinqata l-kawża l-oħra u, f'każ li ma jiddeduċiex fil-mod u żmien lilu prefiss, ikunu jistgħu jittieħdu l-provvedimenti oħrajn opportuni għall-każ, mhux eskluż, jekk il-Qorti tkun allura soddisfatta li hemm fuq hiex, kull provvediment xieraq għall-rinviju lill-Qorti ta' Londra għal ġbir tal-provi ulterjuri fuq ir-raġunijiet ta' opposizzjoni sollevati mill-konvenut fir-rigward ta' Margaret Bruno — wara li kkunsidrat:—

Illi b'verbal reġistrat fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju, 1964, il-konvenut iddikjara li ma jinsistiex iżjed għall-eċċezzjonijiet tiegħu dwar il-leġġittimita tat-tfal u dan bla preġudizzju ta' kwalunkwe azzjoni li jista jiehu u anki bla preġudizzju għal kwalunkwe eċċezzjoni u azzjoni dwar iż-żwieġ stess u talab illi biex jiġu evitati spejjeż il-Qorti flok tadotta il-kors li timponielu terminu biex jibda kawża għad-dikjarazzjoni tal-ineżistenza taż-żwieġ tippermettielu jipproċedi per via di eċċezione u dana medjanti n-notifika tal-mara u r-rappresentenza tagħha f'dan il-ġudizzju, fuq liema verbal il-Qorti rriservat li tagħti provvediment, kif issa sejra tagħmel.

Illi għalhekk kwantu għat-tlett itfal ma baqax iżjed kontestazzjoni ħlief li l-Qorti tara jekk ir-rata alimentarja provviżorjament akkordata min-North London Metropolitan Magistrates Court għandiex tiġi kkonfermata.

Illi fuq dan irriżulta li l-konvenut huwa baħri fil-marina merkantili u sa ftit ilu kien mpjegat regolarment, għalkemm sakemm jibqa Malta ssiba iżjed diffiċli biex jerġgħa jingaġġa fuq bastiment. Huwa stess xehed li l-aħħar li ħadem kien jaqla sebgħa u erbgħin lira (£47) fix-xahar u li kien għamel allotment ta' tmienja u tlettin lira (£38) fix-xahar favur oħtu għax kellu jagħtiha. Kompla jgħid li għalkemm illum mgħadx għandu jagħtiha, u ma għandux allotments favur ħadd jekk jerġgħa jingaġġa jerġgħa jkollu jagħmel allotment lill-oħtu, ċirkostanza li l-Qorti ssibha ftit diffiċli biex tinterpretaha ħlief bħala mezz biex iħalli flusu f'idejn oħtu.

Illi anki jekk il-konvenut mhux qiegħed jaħdem hu għadu fil-fjur tal-ħajja u b'saħħtu u jista, jekk ifittex sew, isib xogħol tant fuq il-baħar kemm fl-art, għalkemm il-vera sengħa tiegħu hija tal-baħar.

Illi r-rata ta' lira (£1) fil-ġimgħa għal kull waħda mit-tfal mhiex eċċessiva meta wieħed jikkunsidra li huma jgħixu Londra, fejn il-ħajja hija għola minn Malta, u l-konvenut ma għamel ebda sforz biex iġibhom jgħixu miegħu f'Malta. Għalhekk din il-parti tal-ordni tal-Qorti tal Londra tista tiġi konfermata.

Illi kwantu għall-alimenti ta' mart il-konvenut huwa għamel diversi allegazzjonijiet fuqha, kompriżi, fost dawk elenkati li jistgħu jiġu sollevati in opposizzjoni għat-taħrika, dawk elenkati fin-numri 5, 7 u 8. Fuq dawn il-Qorti qeda tagħmel riserva favur il-konvenut biex, jekk ikun il-każ, l-atti anki jiġu rinvjati lill-Qorti ta' Londra għall-provi ulterjuri. Imma dan għandu proprjament isir biss wara li l-posizzjoni tiċċara ruħha fuq il-punt gravi u mportanti sollevat mill-konvenut, tant bin-nota fuq imsemmija kemm waqt id-deposizzjoni ġuramentata tiegħu, dwar l-inesistenza taż-żwieġ tiegħu ma Margaret Bruno fuq il-bażi li hu, skond il-liġi ta' Malta, fejn għadu domiċiljat, biex jikkuntratta żwieġ validu irid jiżżewweġ skond ir-riti preskritti mill-Kodiċi tal-Liġi Kanonika, diffikulta rikonoxxuta anki minn awtoritajiet legali li mhumiex Maltin (Chieshire, Private International Law, 2nd Edit. p. 353).

Fil-fatt din il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati għalkemm il-Qorti ma tridx, peress li dan għal issa mhux kompitu tagħha, tippronunzzja ruħha fuq dan il-meritu, tagħti lill-konvenut ċerta bażi ta' azzjoni għad-dikjarazzjoni tal-inesistenza taż-żwieġ tiegħu kontratt biss ċivilment fl-Ingilterra, u għalkemm ukoll, min-naħa l-oħra, sakemm dak iż-żwieġ ma jiġiex regolarment impunjat fil-kontestazzjoni tal-leġittima kontradittriċi, li hija Margaret Bruno, dak iż-żwieġ għadu validu skond l-liġi ta' l-Ingilterra, li hija "lex loci contractus."

Illi l-konvenut qieghed jitlob skond il-verbal fuq imsemmi biex il-Qorti tippermettielu jimpunja ż-żwieġ "ope exceptionis" imma kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell tal-Maestà tagħha r-Reġina in re "Il-Qorti vs. Carmelo Formosa et". (18 ta' Marzu, 1957) meta tingħata eċċezzjoni bħal din il-kawża ta' konferma ta' "provisional maintenance order" il-mara li tkun qiegħda fil-pajjiż minn fejn emana l-ordni provvisorju, għal-kemm oriġinarjament parti, ma tkunx presenti fit-trattazzjoni tal-kawża quddiem il-Qorti msejjħa biex tiddeċiedi għandiex jew le tikkonferma dak l-ordni, u huwa kontra l-prinċipju fondamentali tal-"audi alteram partem" li din il-Qorti tippronunzja ruħha fuq materja tant gravi bħal validità jew aħjar esistenza taż-żwieġ mingħajr il-kontestazzjoni tal-konjuġi l-ieħor bħala leġġittimu kontradittur b'azzjoni apposita deċiża in via prinċipali jew almenu mingħajr ma tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti oriġinali biex tisma l-provi ulterjuri fuq dak l-inċident. Infatti f'dak il-każ l-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina ddikjarat nulla sentenza li ma osservatx din il-prekawżjoni essenzjali.

Illi għaldaqshekk hemm favur it-talba tal-konvenut biex jiġi lilu permess jipproċedi "by way of defence" minflok "by way of action" tant l-alternativa prospettata subordinatament mill-għola Qorti tagħna kif fuq intqal, kemm il-fatt li anki fil-lista ta' oġġezzjonijiet possibbli elenkati min-North London Magistrates Court fin-numru 3, hemm id-difiża li "at the date of the order there was no valid marriage subsisting between the Applicant and Defendant." B'dana kollu l-Qorti hija tal-fehma li fis-sistema proċedurali tagħna, nonostante dak li sar fil-kawża ta' Scott jew Scotto deċiża, minn din il-Qorti fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar, 1957, u fuq li stregwa tad-deċiżżjoni iżjed reċenti fil-każ ta' Formosa wara li ġie rinvjat lill din il-

Qorti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-Maesta Tagħha r-Reġina, il-kors l-iżjed prudenti, fl-apprezzament tal-Qorti dwar l-aħjar metodu tal-istruzzjoni tal-kawża, huwa li l-Qorti takkorda terminu lill-konvenut biex, jekk jidhirlu, jaġixxi in via prinċipali kontra Margaret Bruno għal bżonn rappreżentata minn kuraturi kif huwa possibli skond il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ta' Malta, għal dikjarazzjoni ġjudizzjarja tal-inesistenza taż-żwieġ tiegħu magħha. Infatti jekk il-Qorti tadotta l-kors subordinatament prospettat mill-Qorti tal-Appell tal-Maesta Tagħha r-Reġina (b'aċċenn għal każ ta' Scotto hemm riferit) ma jittieħed l-ebda pass verament materjali l'quddiem għax il-possibilita li Margaret Bruno u l-konsulenti legali tagħha fl-Ingilterra li naturalment jikkunsidraw iż-żwieġ tagħha validu skond il-liġi Ingliża, jammettu l-insistenza taż-żwieġ hija tant remota li tista liberament tiġi mwarba, u verament il-kontestazzjonijiet li hija għandha jkollha l-possibilita li tagħmel skond il-prinċipju tal-ġustizzja huma kontestazzjonijiet li għandhom isiru f'kawża "ad hoc," quddiem Qorti Maltija taħt il-liġi Maltija li hija tkun talvolta trid tikkumbatti fil-kamp tad-Dritt Internazzjonali privat u m'għandhomx jiġu limitati biss għal konstatazzjoni materjali tal-fatt tan-natura taċ-ċerimonja ċelebrata. Min-naħa l-oħra l-Qorti, waqt li tapprezza l-attitudini tad-difensur tal-konvenut, kif partikolarment manifestata fil-parir prattiku li tah dwar it-tfal, (li fl-aħħar mill-aħħar ikunu dejjem putativi jekk ommhom kienet in bwona fede meta kkuntrattat iż-żwieġ), ma tistax tara kif tista tagħmel biex teżawdixxi bil-mod xieraq it-talba tal-konvenut għan-notifika ta' Margaret Bruno u r-rappreżentanza tagħha f'din il-kawża t'issa. Dan jista jsir biss bl-istitut tal-intervent "in statu et terminis" jew tal-kjamata in kawża. L-ewwel wieħed jiddependi unikament mill-istanza tagħha, mentri t-tieni forma ma tistax issir kontra persuna li hija

barra mill-ġurisdizzjoni tal-Qorti. Il-kjamata in kawża ta' Margaret Bruno permezz ta' kuratur f'din il-kawża ma tidhirx possibbli u lanqas konsiljevoli.

Rat ir-rikors li bih il-konvenut appella minn dik is-sentenza u talab li tiġi riformata fis-sens illi tiġi konfermata in kwantu ppreffiġġietlu żmien biex jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu dwar l-ineżistenza taż-żwieġ tiegħu ma Margaret Bruno b'azzjoni diretta u in via prinċipali quddiem il-Qorti kompetenti, u li tiġi riformata in kwantu kkomfermat id-digriet mogħti min North London Metropolitan Magistrates Court fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru, 1962 għal dak li jirrigwarda t-tfal minuri msemmijin fiċ-ċitazzjoni billi jiġi deċiż illi l-Qrati ta' Malta m'humiex kompetenti biex jikkomfermaw l-imsemmi digriet dwar l-affidament tal-kustodja tat-tfal taħt il-proċeduri kontemplati fil-Kapitolu 76 u li hu ma għandux jagħti ebda manteniment tat-tfal lill-ommhom Margaret Bruno, l-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Semgħat lill-avukat ta' l-appellant, rat l-atti tal-kawża u kkunsidrat:—

Fl-ewwel lok l-appellant isostni illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ma setgħatx tikkonferma dik il-parti tad-digriet tal-Qorti Ingliża li biha l-kustodja legali tat-tfal ġiet mogħtija lill-omm, u dan għaliex, fis-sottomissjoni tiegħu, il-proċeduri taħt il-"Maintenance Orders (Facilities for Enforcement) Ordinance (Kapitlu 76) jirrigwardaw biss 'maintenance orders' kif definiti fl-artikolu 2 tagħha u ma jistgħux jinkludu provvedimenti dwar il-kustodja tat-tfal. In bażi għal dan l-ilment l-appellant isostni illi s-sentenza ta' l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili in kwantu kkonfermat l-imsemmi provvediment dwar il-kustodja hi proċeduralment nulla.

Din it-teżi ta' l-appellant tidher li hi nkonsistenti ma dak li rriteniet din il-Qorti fil-kawża "The Court vs. John Stamford Walter" deċiża fit-tlettin (30) ta' Ottubru, 1931 (Kollez. Vol. XXVIII, I, 152) kif ser jingħad aktar il quddiem.

Imma, qabel xejn, wieħed ma jistax ma jirrelevax illi l-ordni tal-kustodja tat-tfal, fil-kontest tad-digriet tal-Qorti Ingliża fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma kienx, manifestament, ħlief provvediment preordinat għall-provvediment l-ieħor, prinċipali u sostantiv, dwar il-ħlas tal-manteniment. Dan il-ħlas tal-manteniment ġie ordnat li jsir lill-uffiċjal tal-Qorti Ingliża hemm imsemmi "on behalf" ta' l-omm għall-għaxien tat-tfal, appuntu in kwantu lilha ġiet mogħtija, u kwindi hi għandha u sa kemm ikollha, il-kustodju tat-tfal. Provvediment dwar il-kustodja hu inċident normali u element anċillari ta' "maintenance order" simili u d-digriet, fl-essenza vera u prinċipali tiegħu, jibqa dejjem "maintenance order."

Minn dan imissu jsegwi, skond il-prinċipji, illi Qorti li hi nvestita b'ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' "maintenance order" (kif inhi nvestita l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bl-imsemmija Ordinanza) għal dak li jirrigwarda n-natura essenzjali tiegħu ċioe l-ordni għall-ħlas tar-retta ta' l-alimenti, hi wkoll investita bill-ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tal-provvediment inserit fih, inservjenti u preordinat għal dak l-ordni. L-alternattiva għal dan ir-raġonament li altrimenti tkun loġikament imposta tissemma aktar il-quddiem.

Fil-kawża fuq ċitata "The Court vs. John Stamford Walter" il-"maintenance order" kien ukoll akkorda l-kustodja tat-tifel lill-omm u ordna l-ħlas tar-retta alimentarja għalih. Il-missier, konvenut fil-proċeduri quddiem il-'Prim'

Awla għall-konferma ta' l-ordni, kien impunja għal diversi raġunijiet il-provvediment dwar il-kustodja. Il-Prim' Awla fis-sentenza tagħha 'kkonfermat l-ordni għall-ħlas tar-retta alimentarja; iżda asteniet milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut dwar il-kustodja peress illi rriteniet illi, skond l-Ordinanza fuq imsemmija, ma kellhiex ġurisdizzjoni billi dik l-Ordinanza tikkonferixxi biss is-setgħa "to issue, confirm, vary or repeal, maintenance orders:" Iżda din il-Qorti ta' l-Appell irrevokat fuq dan il-punt u rriteniet illi, l-Prim' Awla kellha ġurisdizzjoni li teżamina u tvarja jew tirrevoka anki l-provvediment dwar il-kustodja. Din il-Qorti rraġunat illi "Article 5 paragraph 3 of Ordinance No. V of 1921 (issa subartikolu (3) ta' l-artikolu 6 tal-Kap. 76) clearly provides that at the hearing it shall be open to the person on whom the summons was served to raise any defence which he might have raised in the original proceedings had he been a party thereto but no other defence, and the certificate from the Court which made the provisional order, stating the grounds on which the making of the order might have been opposed if the person against whom the order was made had been a party to the proceedings, shall be conclusive evidence that those grounds are grounds on which objection may be taken. It is self-evident that if the defendant is empowered to raise a defence against the confirmation of the maintenance order or for the modification thereof before the local Courts, these are entitled to take cognizance thereof and give a decision thereon, the only limitation in this respect being the requirement that the plea should be such as might have been raised in the original proceedings. This conclusion is endorsed by paragraph 4 of the same article which empowers the Court to confirm the maintenance order with such modifications as to the Court, after hearing the evidence may seem just. It stands to reason that

the Maltese Courts cannot conclude in favour of confirmation or non-confirmation or variation of the order unless the pleas put forward by the defendant, having and bearing on the question at issue, be dealt with." Fil-fatt, f'dak il-każ, din il-Qorti varjat il-"maintenance order" billi tat provvedimenti ġodda dwar il-kustodja tat-tifel.

A skans ta' ekwivoċi, forsi għandu jiġu rilevat illi, fil-każ hawn fuq imsemmi, iċ-ċertifikat tal-Qorti Ingliża ta' l-eċċezzjonijiet li fuqhom l-ordni provviżorju sata' jiġi oppost, kien isemmi wkoll, flimkiem ma oħrajn, il-kwistjoni tal-kustodja. Din iċ-ċirkostanza ġiet rilevata mill-Qorti u anki nvokata in sostenn tal-konklużżjoni li waslet fiha l-Qorti. Iżda, m'għandniex xi ngħidu, dik iċ-ċirkostanza ma kienetx evidentement determinanti ta' dik il-konkluzzjoni. Ir-raġuni hi illi — kif ġie ritenut mill-Qrati Ingliżi u mid-dottrina, segwiti anki mill-Qrati Tagħna — iċ-ċertifikat tal-Qorti li tagħmel l-ordni provviżorju huwa "conclusive evidence that the grounds stated therein are grounds upon which objection may be taken, **but does not confine the possible objection to those grounds.** The only limitation upon the objections which may be raised by the person opposing the confirmation of the order is that the objection must be one which would have been open to him upon the original proceedings had he been a party to them" (Re Wheat [1932] 2 K.B. 716; Harris vs. Harris (1949) 65 T.L.R. 519. Dicey's Conflict of Laws 7th Ed. p. 342; "Il-Qorti vs. Formosa" App. Civ. 18.3.1957). Issa l-Qorti taħseb illi ma għandux ikun hemm dubju illi l-kwistjoni tal-kustodja, għalkemm din ma tkunx speċifikament imsemmija fiċ-ċertifikat tal-Qorti li tagħmel l-ordni provviżorju, hi kwistjoni li l-persuna li kontra tagħha jsir l-ordni kienet tkun tista' tqajjem fil-proċeduri oriġinali kieku kienet parti fihom.

Mis-sentenza ta' din il-Qorti hawn fuq imsemmija mela

jidher illi l-Qrati lokali, aditi biex jikkonfermaw "maintenance order" provviżorju għandhom ġurisdizzjoni, għallfinijiet ta' l-istess proċeduri, li jieħdu konjizzjoni ta', u jikkonfermaw jew ivarjaw, il-provvediment dwar il-kustodja kontenut f'dak l-ordni.

Imma jekk stess għall-grazzja ta' l-argument wieħed ma jaċċettax din id-dottrina, (talvolta p.e. imħabba r-residenza ordinarja tat-tfal) u jaċċetta, inveċe, it-teżi ta' l-appellant fis-sens illi l-Qrati lokali ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jikkonfermaw il-provvediment dwar il-kustodja fil-proċeduri preżenti, xorta waħda ma hemm ebda nullita fis-sentenza appellata. Għandu l-ewwelnett jiġi osservat illi fuq din l-affari tal-kustodja, l-appellant ma qanqal ebda kwistjoni in prim'istanza u din il-kwistjoni m'hi għalhekk bl-ebda mod diskussa fis-sentenza appellata. Jekk huwa veru illi l-ewwel Qorti ma setgħatx "tikkonferma" dak il-provvediment, u kwindi, s'intendi per raġjoni di loġika, anqas "tvarjahh," ċioe, fi kliem ieħor, anqas tiddiskutih—il-konsegwenza ma tistax evidentement tkun illi, allura, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma setgħatx anqas tieħu konjizzjoni tiegħu bħala sempliċi konstatazzjoni ta' fatt li sar: il-konsegwenza tkun illi l-Qorti f'din il-proċedura sa kemm ma jkunx hemm prova illi dak il-provvediment jkun ġie minn xi Qorti oħra kompetenti u talvolta bi proċeduri oħra varjat jew revokat, tassumih bħala validu u operanti (u difatti ebda kwistjoni dwar il-validita ta' dak il-provvediment in kwantu mogħti mill-Qorti Ingliża ma ġiet imqanqla) u tiddeċiedi fuq l-ordni tal-ħlas tar-retta alimentari fuq dik il-bażi.

Fin-nuqqas, kif intqal, ta' ebda kontestazzjoni sollevata mill-appellant quddiem l-ewwel Qorti, hi l-iktar ħaġa faċili u anki l-iktar ħaġa konformi għall-prinċipji illi d-dispożittiv tas-sentenza appellata, fil-parti relevanti tiegħu

fejn ikkonferma d-digriet mogħti mill-Qorti Ingliża in kwantu jirrigwarda t-tlett tfal minuri, jiġi nterpretat u aċċettat f'dak id-dawl.

L-ewwel aggravvju ta' l-appellant hu għalhekk infondat.

Fit-tieni lok l-appellant jilmenta illi r-rata ta' lira fil-ġimgħa bħala alimenti għat-tfal, hi eċċessiva. Fil-fehma tal-Qorti dan l-ilment ma jistħoqqlu ebda kunsiderazzjoni.

Anqas jistħoqqilha ebda kunsiderazzjoni l-allegazzjoni, 'dissoċjata minn kull xintilla jew offerta ta' prova, illi l-omm "kien bi ħsiebha tagħti t-tfal lill-ħaddieħor." Jekk u meta dan jiġri u jkun jista' jiġi pruvat, ir-rimedju ta' l-appellant jista' jkun ieħor.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti devo'uta lilha bl-ispejjeż ta' l-appell kontra l-appellant u tordna li l-atti jerġgħu jiġu rinvjati għall-kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet l-oħra quddiem l-ewwel Qorti.